22 ta' Jannar, 1955

Imħallef:
Onor. Dr. A. Magri, B.Litt., LL.D.

Carmela Sammut *versus* Paolo Sammut

## Alimenti — Abbandun — Mara — Sentenza Retroattività — Art. 48 tal-Kodiċi Ċivili

*Biex il-mara li tkun abbandunat id-dar konjugali titlef id-dritt tagħha għall-alimenti kontra żewġha, hemm bżonn li dak l-abbandun ikun mingħajr ġusta kawża.*

*Fi kwalunkwe każ, ir-raġel li ma jridx iżomm miegħu lill-martu għax kienet telqet mid-dar konjugali, huwa obligat imantniha, salv lilu d-dritt li jipprovoka d-dekadenza tagħha mid-dritt ta' l-alimenti f'kawża ta' separazzjoni personali.*

*Is-sentenza ma toħloqx id-dritt ta' l-attur, iżda biss tiddikjarah u tirrikonoxxieh, u għalhekk l-effett tagħha hu retroattiv u jirriżali, almenu di regola, għall-ġurnata tad-domanda. Għaldaqstant, jekk il-kawża li għamlet il-mara kontra żewġha għall-alimenti tkun ġiet sospiża għax ir-raġel għamel kawża oħra kontra tagħha għall-annullament taż-żwieġ tiegħu magħha, u dik il-kawża tkun spiċċat b'eżitu kuntrarju għall-annullament, l-alimenti lill-mara għandhom jiġu akkordati mill-jum tal-preżentata taċ-ċitazzjoni tagħha. U ma tistax tiġi allegata kontra tagħha r-regola ta' l-irrepetibilità ta' l-alimenti arretrati; għax dik ir-regola tirrikorri meta l-mara tittraskura li teżiġi l-alimenti, fil-waqt illi f'każ simili hija tkun aġixxiet kontra żewġha għalihom, u, jekk ma rnexxilhiex teħodhom qabel ma spiċċat il-kawża għall-annullament taż-żwieġ, dan ma kienx imputabbli għaliha.*

Il-Qorti; — Rat iċ-ċitazzjoni li biha l-attriċi, billi l-konvenut ma jridx jirċievi fid-dar tiegħu lill-attriċi, u lanqas jagħtiha l-alimenti (dok. A), premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u l-provvedimenti kollha opportuni, talbet li l-konvenut jiġi kundannat iħallas lill-attriċi l-alimenti f'dik issomma u b'dawk il-modalitajiet li tistabbilixxi din l-Onorabbli Qorti. Bl-ispejjeż, kompriżi dawk ta' l-ittra uffiċjali tal-4 ta' Ottubru, 1952, kontra l-konvenut;

*Omissis;*

Rat il-verbal tas-6 ta' Diċembru, 1952 (fol. 10), fejn il-*kontend*enti, permezz tad-difensuri tagħhom, qablu li, in pendenza tal-proċeduri għall-annullament taż-żwieġ, il-kawża tkun mibgħuta "sine die";

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi wieħed mill-motivi miġjuba l-quddiem mill-konvenut biex jikkontesta d-dritt ta' l-*attriċi* għall-alimenti huwa l-proċedura, allura pendenti, dwar l-annullament taż-żwieġ; liema proċedura spiċċat b'eżitu kuntrarju għall-konvenut, u *konsegwenza li, ladarba* ż-żwieġ ma ġiex imwaqqa, għandu jiftiehem li għadu jseħħ; u l-konvenut, għalhekk, għandu, fost l-*obligi* derivanti miż-żwieġ, id-dmir li jilqa' lill-attriċi f'daru u li jżommha skond il-mezzi u l-kondizzjoni tiegħu (art. 3(2) Kod. Ċiv.);

Illi fir-rikors fol. 17 il-konvenut allega li l-attriċi abbandunat id-dar konjugali, u għalhekk iddekadiet mid-dritt għall-alimenti. Dina l-allegazzjoni mhix sostnuta mill-provi, għaliex l-attriċi, wara diet ijiem miż-żwieġ, ġiet rikoverata fl-Isptar tal-Mard tal-Moħħ, fejn damet madwar sena; u wara li ġiet licenzjata talbet lill-konvenut jirċeviha f'daru, iżda huwa rrifjuta (fol. 6). *Skond il-liġi*, l-abbandun għandu jkun mingħajr ġusta kawża (art. 48 Kod. Ċiv.), li tippresupponi għalhekk responsabbiltà f'min jiġi akkużat ta' abbandun, ċirkustanza din li fil-każ ta' l-attriċi ma tirrikorrix. Fi kwalunkwe ipotesi, imbagħad, il-konvenut huwa tenut li jmantni lill-martu, ladarba ma jridhiex miegħu, salv lilu d-dritt li jipprovoka d-dekadenza tagħha f'kawża ta' separazzjoni personali;

Illi, kwantu għall-mezzi ...... ;

Illi l-attriċi tinsisti wkoll biex l-*alimenti* jiġu lilha mogħtija mill-ġurnata taċ-ċitazzjoni, peress li l-proċeduri kellhom jiġu sospiżi a kawżun ta' l-imsemmija impunjattiva taż-żwieġ esperita mill-konvenut. Mil-kopja tar-reskritt fuq riferita jidher li l-konvenut ma rnexxielux jipprova li ż-żwieġ ma ġiex konsumat, u għalhekk it-talba tiegħu ġiet respinta. Dan iwassal għall-konklużjoni li l-kawża odjerna ġiet sospiża u ma setgħetx tiġi deċiża għal fatt imputabbli lill-konvenut;

u kieku l-alimenti kellhom jiġu lill-attriċi mogħtija mill-ġurnata tas-sentenza, il-konvenut jiġi javvantaġġja ruħu indebitament mill-fatt tiegħu stess — ħaġa din ġuridikament inammissibbli. Konsegwentement hu obligat għall-alimenti lejn l-attriċi almenu mill-ġurnata taċ-ċitazzjoni, meta hija talbithomlu bl-aktar mod formali;

Illi dina l-konklużjoni hija konformi għall-ġurisprudenza tal-Qrati Tagħna (Kollez. V, paġ. 70, col. 1ma in fine), kif ukoll għall-prinċipju proċedurali illi s-sentenza ma toħloqx, izda tiddikiara u tirrikonoxxi biss id-dritt ta' l-attur, u għalhekk l-effett tagħha huwa retroattiv, u jirriżali, almenu di regola, għall-ġurnata tad-domanda. Anzi, il-Qorti ta' l-Appell Tagħna waslet biex obligat lill-missier ta' tifel illeġittimu li jirrifondi lil min kien zammu l-alimenti mill-ġurnata tat-twelid ta' dak it-tifel; għaliex, qalet il-Qorti, "dan l-obligu joħroġ bħala konsegwenza neċessaria ta' l-art. 108 tal-Kodiċi Ċivili", jiġifieri tad-dikjarazzjoni tiegħu bħala missier illeġittimu (Kollez. XXXII-I-468); liema konsiderazzjoni hija applikabbli anki għall-każ ta' l-attriċi li, bħala mart leġittima tal-konvenut, għandha d-dritt li tiġi alimentata minnu bis-saħħa ta' l-art. 3(2) fuq ċitat. Ma tistax tiġi allegata l-irripetibilità ta' l-alimenti arretrati, għaliex dina tirrikorri meta l-kreditur jittraskura li jeżiġi l-alimenti, fil-waqt li l-attriċi fittxet lill-konvenut għalihom; u jekk ma rnexxielhiex teħodhom minn għandu, dana ma kienx għal raġuni imputabbli għaliha (ara f'dan is-sens Kollez. XXIV-I-368);

Għal dawn il-motivi;

Tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenut;

U konsegwentement tilqa' d-domanda ta' l-attriċi, billi tikkundanna lill-konvenut iħallsilha l-pensjoni alimentari ta' £1.15.0 fil-ġimgħa, bil-quddiem, fir-residenza tagħha; u dan minn notifika taċ-ċitazzjoni;

L-ispejjeż iħallashom il-konvenut.